



Nimmaniġġjaw il-forza tax-xogħol tal-Ewropa li qed tixjieħ

Il-forza tax-xogħol tal-Ewropa qed tixjieħ: sal-2030, il-ħaddiema ta' bejn il-55 u l-64 sena huma mistennija li jiffurmaw 30 % jew aktar tal-forza tax-xogħol totali f' bosta pajjiżi.

Madwar l-Ewropa, l-età uffiċjali tal-irtirar qed tiżdied, iżda bosta ħaddiema xorta waħda jħallu s-suq tax-xogħol ferm qabel l-età tal-pensjoni u f' bosta pajjiżi r-rata tal-impjeg ta' ħaddiema akbar fl-età hija baxxa.



Ir-rata tal-impjeg ta' bejn il-55 u l-64 sena skont il-pajjiż (SENA 2014)

BE 42,7	EE 64	CY 46,9	MT 37,8	RO 43,1
BG 50	IE 53	LV 56,4	NL 59,9	SK 44,8
CZ 54	ES 44,3	LT 56,2	AT 45,1	FI 59,1
DK 63,2	FR 47	LU 42,5	PL 42,5	GB 61
DE 65,6	IT 46,2	HU 41,7	PT 47,8	CH 71,6

Il-problemi ta' saħħa hija raġuni importanti għaliex wieħed iħalli s-suq tax-xogħol iżda hemm fatturi oħrajn li jinfluwenzaw id-deċiżjoni tal-irtirar, bħal ħiliet li m'għadhomx jgħoddu, diskriminazzjoni fl-età, nuqqas ta' apprezzament, jew responsabbiltajiet ta' kura.

Approċċi ġodda fl-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani u s-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol huma meħtieġa sabiex in-nies ikunu jistgħu u jiġu mmotivati biex jibqgħu jaħdmu.

Elementi ewlenin tal-Immaniġġjar tal-Età b'suċċess



Benefiċċji tal-immaniġġjar tal-età għall-ħaddiema


- Motivazzjoni aħjar;
- Aktar sodisfazzjon mix-xogħol;
- Bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja personali;
- Żamma tal-kapaċità tax-xogħol u tal-kapaċità għall-impjeg matul il-karriera kollha.

Benefiċċji għall-impjegaturi

- Provvista tax-xogħol sikura u sensibbilizzazzjoni bikrija dwar nuqqas ta' ħiliet/talenti;
- L-ebda telf għali tal-ħiliet u l-esperjenzi;
- Tnaqqis fil-bdil tal-persunal u spejjeż imnaqqs għal reklutaġġ;
- Immaniġġjar tajjeb tas-suċċessjoni meta jirtiraw l-individwi;
- Prestazzjoni aħjar f'kull grupp ta' età;
- Użu aħjar tal-qawwiet u t-talenti fi gruppi differenti ta' età, inkluż l-użu tan-netwerks, l-għarfien espert u l-esperjenzi ta' ħaddiema maturi.

Il-kapaċità tax-xogħol : il-bilanċ bejn ir-riżorsi personali u l-fatturi relatati max-xogħol

Dar tal-Kapaċità tax-Xogħol




Il-promozzjoni tal-kapaċità tax-xogħol teħtieġ tmexxija u kooperazzjoni tajba bejn l-impjegaturi, il-maniġers, is-superviżuri u l-ħaddiema.

Valutazzjoni tar-riskju

L-ambjent tax-xogħol jeħtieġ li jkun aġġustat skont il-kapaċitajiet tat-tibdil u dan għandu jsir abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju. Aspett wieħed tad-diversità li għandu jittqies fil-valutazzjoni tar-riskju huwa l-età. Hemm xi fatturi ta' riskju li jeħtieġu attenzjoni speċifika fil-każ ta' ħaddiema akbar fl-età:

Riskji fiżiċi

- Perikli ergonomiċi (movimenti ripetittivi, tqandil manwali, qagħdjet strambi u skomdi, qagħdjet statiċi);
- Xogħol bix-xift;
- Ambjenti ta' xogħol sħan, kesħin jew storbjużi, vibrazzjoni;
- Xogħol fil-għoli.



Riskji psikosoċjali

- Ħiliet skaduti, nuqqas ta' taħriġ u żvilupp tal-karriera;
- Diskriminazzjoni bbażata fuq l-età;
- Bilanċ dgħajjef bejn ix-xogħol u l-ħajja personali, pereżempju minħabba responsabbiltajiet ta' kura.



Madankollu, ħaddiema akbar fl-età mhumiex grupp omoġenju, is-suppożizzjonijiet m'għandhomx isiru purament fuq il-bażi tal-età.

Kampanja għall-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa għal Persuni ta' Kull Età 2016-17

Il-kampanja għall-Postijiet tax-Xogħol li Jieħdu Ħsieb is-Saħħa f'Kull Età tal-UE-OSHA 2016-2017 għandha l-għan li tippromwovi ħajjiet tax-xogħol sostenibbli u tixjiħ f'saħħtu, b'fokus fuq il-prevenzjoni matul il-ħajja kollha tax-xogħol.

Biex issir taf aktar dwar il-kampanja u kif tista' tinvolvi ruħek, żur www.healthy-workplaces.eu/mt u pprova l-gwida elettronika tagħna fuq <http://eguides.osha.europa.eu/>.